


# L-Ark il-kbir armat fl-Isla

## Kitba ta' Mario Fenech



Fost il-ħafna ritratti li għandi dwar Ħal Lija u xi avvenimenti li seħħew f'dan il-lokal sabiħ matul is-snin għandi dan ir-ritratt li xtaqt li nikteb xi ħaġa dwaru f'dan il-programm tal-festa. Ritratt li mhux faċli li tispjegah peress li fih naraw xena ta' ġrajja mportanti fl-istorja tal-Knisja f'Malta, jiġifieri ċ-Ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni Solenni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina li kienet saret fix-Xatt ta' l-Isla nhar l-4 ta' Settembru 1921.

Għal din l-okkażżjoni kienu saru festi kbar li għalihom kienu ġew mistiedna dinjintarji kbar tal-knisja ta' dak iż-żmien, festi li l-poplu kollu ta' l-Isla kien ħadem għalihom bis-sħiħ u kkontribwixxa tant għotjiet ġenerużi.

Il-programm ta' dawn il-festi kien mifrux fuq diversi jiem, ġie nawgurat nhar is-27 ta' Awissu u ntemm nhar it-8 ta' Settembru bil-qofol tal-festi tkun din iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa tal-Bambina li saret fix-xatt ta' l-Isla. Dak in-nhar ix-xatt kien maħnuq bil-folla ta' nies li nġabret minn kmieni biex tassisti għal dan l-avveniment importanti. Dan kien l-istess post li 300 sena qabel kien laqa' fih il-wasla ta' l-Istatwa ta' Marija Bambina fl-Isla.

Id-digriet biex tkun tista' ssir din iċ-ċerimonja kien ħareġ nhar it-3 ta' Jannar tas-sena 1921 mill-Q.T. il-Papa Benedittu XV u mill-ewwel bdew it-tħejjijiet biex din iċ-ċerimonja tkun waħda solenni u kif xieraq. Inħasset il-ħtieġa li tintrama' tribuna kbira u mponenti biex fuqha sssir iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni tal-Bambina, għaldaqstant kien ġie mehud l-Isla l-famuż ark li għadu jintrama' sa llum għal festa tas-S.S.M.U. Salvatur ta' Ħal-Lija fi Triq il-Forn.

Kienu mexxew ċ-ċerimonja l-Isqof Dom Mauro Caruana OSB mgħejjun mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri OFSA u l-Vigarju Ġenerali l-Ecc. Tiegħu Fra A. Portelli.

Kif jidher sew fir-ritratt, l-Ark kien intrama' 'l fuq mill-livell tat-triq u b'hekk iċ-ċerimonja setgħet tiġi segwita minn dawk kollha preżenti. Ġew nies ukoll minn barra l-Belt 'Invicta' u xhieda ta' dan huma l-laneċ



marbuta f'tarf il-moll, dawn kienu joperaw il-vjaġġi tagħhom mix-xatt ta' tas-Sliema għall-Belt u l-Port il-Kbir. Meta nġibed ir-ritratt mill-fotografu tad-Ditta Ellis tal-Belt jidher li ċ-ċerimonja ta' l-Inkunurazzjoni kienet waslet lejn it-tmien tagħha, dan għaliex fuq ras l-istatwa tal-Bambina tidher il-kuruna, fil-waqt li l-kleru li ħa sehem fiċ-ċerimonja jidher miexi proċessjonalment 'l hinn mit-tribuna eżatt wara l-umbrellun tal-bażilika, li jidher fil-parti t'isfel tar-ritratt.

Dan kien mument li tniżżel fl-istorja bħala wieħed kommoventi, ta' mħabba kbira lejn il-Madonna u fuq kollox xhieda ta' ġenerozita' mhux biss tal-Poplu ta' l-Isla, iżda wkoll mill-poplu tar-raħal ta' Ħal Lija li għaraf kemm ser tkun importanti din iċ-ċerimonja u ta l-kunsens tiegħu biex dan l-ark jittieħed l-Isla u jintrama' x-xatt.

Illum biex jiġi mfakkar dan il-mument importanti naraw plakka żgħira ma' waħda mill-kolonni li jreġġu dan l-Ark, u ritratti bħal dan li jien xtaqt li naqsam magħkom permezz ta' dan l-artiklu.